# Il - Port Il - Kbir — 1942

Kienet għodwa ta' Ġunju u dak in-nhar, bħas-soltu, inżilt sal-Barrakka t'Isfel biex ngħaddi l-ħin tal-mistrieħ, li kien bejn in-nofs siegħa u s-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar. X'niekol ma kellix għaliex il-biċċtejn ħobż, li kont ħadt miegħi mid-dar, kont kilthom f'xi l-għaxra ta' fil-għodu.

Ħliefi ma kenitx tidher ruħ fil-Barrakka. Ħemda ta' l-oqbra kienet tistorni u dawk l-erba' siġriet li hemm donnejthom ċipress.

Ersaqt wara ċ-ċint li jħares għal fuq il-Port il-Kbir, serraħt minkbejja maċ-ċint u qgħadt hemm inħares għad-dell ta' waħda mis-siġar. Il-Port il-Kbir kien iġib dehra ta' qsim il-qalb.

Xejn ma kien jidher f'wiċċ l-ilma, ħlief żewġ jew tliet gzuz ħerba ta' njam u ħadid li sa ftit xhur qabel kienu vapuri sbieħ u mdaqqsa. Fuq ix-xatt tal-Belt kien jidher ukoll il-fdal ta' xi erba' dgħajjes — ftit bċejjeċ tal-ħatab li kienu jgħoddu biss għan-nar.

Il-bqija baħħ... Anqas biss dgħajsa ċkejkna ma kienet taqsam minn tarf għall-ieħor tax-xatt. Tul il-firxa tal-port kollu, kien hemm biss xi tliet laneċ żgħar, u dawn wieqfa għad-dell tal-Kastell Sant'Anġlu. Bħal siġra fix-xitwa dawk il-laneċ dehru qishom għajjiena u mingħajr ħeġġa għax ma kien hemm ebda ruħ fuqhom.

Is-sema u l-baħar — żewġ meddiet żoroq bla nikta — tassew li ma kinux jagħmlu għajb lil Ġunju. Iżda fil-waqt li kont nixħet il-ħarsa daqqa fuq wieħed u daqqa fuq l-ieħor, għajnejja kienu jaqsmu dak l-istar iżraq u jieqfu mbażżgħa quddiem theddid moħbi.

Wara l-iżraq tas-sema kont qiegħed nilmaħ mogħdijiet mnejn ta' sikwit kienu joqorbu bil-qtajja l-egħdewwa u jiżirgħu minn hemm fuq ħerba u mewt; u, sewwa sew taħt l-iżraq tal-baħar, ħarsti kienet teħda fuq żrieragħ ta' qerda, mitfugħin bil-għama fid-dalma tal-lejl. Xhieda ta' dan it-theddid moħbi kienu l-fdalijiet maħruqa f'kull naħa tal-port.

Kull tant kont indur u nħalli ħarsti timraħ 'il barra fejn iżraq kien jitbewwes ma' iżraq — mhux biex nitgħaxxaq bissbuħija, bħal ma kont nagħmel qabel, iżda b'tama fiergħa li nilmaħ xi duħħan fix-xefaq.

Tama fiergħa tassew!

Kont nistħajjilni nilmaħ ix-xefaq miżgħud bi dbejjeb moħbija, lesti biex jaħfnu u jeqirdu kull ma joqrob lejn xtutna. Għalkemm ebda għajnejn oħra ma kienu msammra fuq ix-xefaq

minn wara s-swar, mijiet u eluf ta' ħsibijiet kienu jgħarrxu 'l hemm barra flimkien ma' ħarsti.

F'daqqa waħda ħassejt tqanqila ġo fija. Ħarsti kienet donnha ltaqgħet ma' dak li kienet tfittex u f'ħin wieħed stħajjiltni nara l-Barrakka fejn kont u s-swar kollha miżgħuda bin-nies u eluf ta' wċuħ sofor u mgħaddma mdawrin lejn l-imkien fejn kienu waqfu għajnejja.

Kemm ferħ, għajat, ċapċip u tixjir ta' mkatar u bnadar! Minn hemm barra konna nistennew bla sabar il-ħajja, il-għixien...

Kif dort madwari, ħemda sfiqa aktar minn qabel ħassejtha toħnoqni u b-dieqa kbira ntbaħt li dak kollu ma kienx ħlief xewqa fiergħa ta' moħħ imħewden.

Mifni minn dik il-ħemda u minn dik id-dieqa u mħeddel bis-sħana tan-nofs in-nhar sajfi, wiżint rasi fuq minkbejja......

Bil-ħeffa tal-ħsieb id-dehra li kelli quddiemi ftit qabel bdiet issa tieħu sura oħra. Is-sema kien neża' l-iżraq u xedd l-ikħal sewdieni.

Ix-xemx kienet għabet mis-smewwiet biex tagħmel il-wisa' għall-ħakem tal-lejl, il-qamar, li issa, b'wiċċu mimli, deħbi u daħkani, kien għadu kif xiref minn wara l-Kastell Sant'Anġlu. Aktar ma beda jogħla l-qamar aktar beda jiċkien u dijetu bdiet dejjem iżjed titqawwa sakemm minn safrani ħa lewn il-fidda.

Il-jum kien inbidel f'lejla sajfija milli jaf jagħti Ġunju u f'daqqa waħda ntbaħt li dik il-ħemda, li ftit qabel kienet tifnini, issa nkisret minn ħsejjes u tħaxwix ta' ilma fil-port. Wiċċ il-baħar, maħsul minn dik il-għabra tal-fidda li kienet tixtered fuqu mill-medda tas-sema, ma kienx iqanqal dak it-theddid u biża' li kien nissel ftit qabel. Wieħed wara l-ieħor, mijiet ta' dwal bdew ifiġġu ma' dwar il-port kollu.

Fil-port kienu jinsabu vapuri ta' kull daqs u ta' kull ġens. Ġewwa sew taħt l-isptar ta' Bigħi, kien jidher vapur mill-kbar li kien daħal f'dik il-lejla bit-turisti.

Kull tant kienu jinstemgħu ħsejjes ta' ktajjen, daqq ta' xi suffara u tħaxwix ħafif ta' l-ilma, u xi vapur kollu dwal kien iħalli l-port biex postu jimtela minn xi ieħor li jkun diġa' fil-qrib. Ta' sikwit kienu jaqsmu minn naħa għal oħra tal-port xi laneċ jew dgħajjes bid-dwal bojjod, ħamor u ħodor.

Ilħna tal-ħaddiema, mitfija minn ħsejjes bla ħedu kienu jinstemgħu riesqa min-naħa tax-xatt tal-Belt, fejn xi vapuri kienu jħollu t-tagħbijiet siewja tagħhom fuq il-braken. Aktar 'il ġewwa, fil-bidu tad-daħla ta' l-Isla u tat-tarzna kif ukoll fin-nofs tal-port kien hemm weqfin xi bċejjeċ tal-gwerra. Kienu sbieħ milquta minn dak id-dawl fiddien tal-qamar, ġwejda u mhux bħal driebes imgħaddbin, lesti biex jissieltu ma' l-egħ-

dewwa. Fomm il-kanuni tagħhom li għal bosta snin ma kenux semmgħu leħenhom qerriedi, kien sieket.

U hekk, fil-waqt li xi skuna bil-qlugħ miftuħa u mbajda mid-dija tal-qamar kienet taqsam il-port u torqom dik id-dehra, il-ħajja u l-ħidma ma kenitx tehda fil-port, kif ma kenux jeħdew iduru d-dwal taż-żewġ fanali.

Ħassejtni msaħħar quddiem dik id-dehra u ma nafx kemm domt hemm inħares......

Iżda kif kont f'dik il-qagħda; ħoss li ma kienx tas-soltu laqat lil widnejja, u damdim u twerdin, għall-ewwel dgħajjef u mbagħad aktar qawwi, beda jitħallat mal-ħsejjes tal-ħatt tat-tagħbijiet......

Dak id-damdim ried ikun biex nistenbaħ. Ħarist ma' dwari bħal wieħed miblugħ. Ix-xemx kienet għadha tisreġ mill-iżraq tas-sema. Xħett ħarsti fuq il-port — kollox baħħ u sieket bħal qabel. Biss id-damdim kien jikser il-ħemda.

Erġajt ħarist 'il fuq u lmaħt għadd ta' ajruplani tat-taqbid ħerġin 'il barra lejn ix-xefaq. Donnu kien wasal ħbit ieħor mill-għadu.

Ma kien jidher ħadd ħliefi fil-Barrakka.

Imdejjaq u mħeddel aktar minn qabel, għajjien u bil-ġuħ, ħriġt minn hemm ġew iżda moħħi baqa' jhewden fuq dik il-lejla sabiħa ta' Ġunju tas-sena 1938.

KARMENU MUSCAT.

# ~~It-Tokki ta' l-Arloġġ~~

~~Le, iblah la jien u l-anqas kont! Imdagħdagħ iva, imnikket ukoll, iżda miġnun jew iblah... qatt! Intom tgħidu li jien iblah, li mxejt t'iblah; iżda mhu xejn minnu. Isimgħu......~~

~~Kont ili sigħat li dħalt ġo soddti u kont għamilt minn kollox biex norqod. Iżda ta' xejn! tqalleb il hemm, tqalleb il hawn, l-irqad ma riedx jaħkimni. Il-lejla kienet sewda, kiesħa u xitwija. Fid-dar, kulħadd rieqed. Kamarti, imkeffna f'mantar iswed; kienet saltnet il-ħemda, iżda le — tik-tik-tik, l-arloġġ tas-sala beda jikser is-skiet kollu, u mħabba fil-ħemda, it-tokki tiegħu kienu qed jinstemgħu akbar, eħrex u eqlel milli tabilħaqq kienu.~~

~~X'ħemda kienet dik! iżda kif ħarabni l-irqad! Imdawwar b'dak id-dlam ċappa, jien għamilt mill-aħjar biex ninsa n-niket u l-għeltijiet tal-ħajja f'serħan l-irqad, iżda dak il-ħoss ħjieni, kien dlonk jiġi biex itajjarli l-irqad; biex jifnili 'l ruħi u jwaqqagħni lsir ta' l-eħrex niket.~~